MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI ISTRUTTORJA

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta tad-19 ta' Mejju, 2004

Numru. 24/2004

Il-Pulizija .
(Spettur Antonello Grech)

VS

Dorothy Refalo ta' 32 sena, bint Peter u Mary Grace nee' Pisani, imwielda Victoria, fit-13 ta' Dicembru, 1971, u residenti Longstone House, Triq it-28 ta' April, 1688, Sannat, Ghawdex, ID. No: 2872 G.

Il-Qorti ,

Rat l-akkuza li permezz taghha l-imputata giet akkuzata talli fit-18 ta' Mejju 2004, u fix-xhur ta' qabel f'dawn il-gzejjer kellha fil-pussess taghha d-droga heroina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap. 101 tal-ligijiet ta' Malta meta ma kenitx fil-pussess tal-awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew esportazzjoni mahrug mit-tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tar-raba' u s-sitt Taqsima tal-ordinanza,

u meta kenitx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzata li timmanifatture jew tforni d-droga msemmija u meta ma kenitx b'xi mod iehor bil-licenzja tal-President ta'malta li jkollha d-droga fil-pussess taghha u anqas li tipprova li d-droga giet fornuta lilha ghall-uzu taghhaa skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regolamenti tmienja tar-regoli tal-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (GN 292/1939), kif sussegwentement emendat u bi ksur tal-ordinanza dwar il-medicini Perikoluzi kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta .

Talli wkoll saret recediva b'sentenzi li saru definittivi u ma jistghux iktar jigu mhassra .
Rat ukoll l-atti l-ohra tal-kawza, inkluza l-fedina penali ta' l-istess imputata .

Semghet lill-istess imputata tammetti l-akkuzi kif dedotti fil-konfront taghha .

Il-Qorti ghal hekk in vista ta' din l-ammissjoni,

Issib lill-imputata hatja ta' l-akkuzi kif dedotti, ghal hekk fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz fejn anke l-imputata qeghda tintrabat li terga' taghmel kors ghar-rijabilitazzjoni, u anke in vista tal-fatt illi hija kkoperat pjenament mal-pulizija dwar dan il-kaz u anke l-kazijiet ohra relatati,

Tikkundannaha ghal multa ta' mitejn lira maltin (Lm200), pagabbli fi zmien sitt xhur mil-lum .
skim2404Pc

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------